**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, l-14 ta' Ġunju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**vs**
**Francis Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Francis Borg,** iben Carmel u Victoria nee` Borg imwieled Mellieħa nhar it-13 ta' Novembru 1950 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 1000050M

Akkużat talli nhar it-23 ta' Ġunju 2023 għal ħabta ta' 09:30 hrs u fil-ħinijiet u l-ġranet ta' qabel b'diversi atti magħmula minnu, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda ġewwa l-Mellieħa fil-limiti ta' Paradise Bay:

Kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inklużi fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III u ċioe Pitiross (European Robin, Erithacus rubecula), 1 Verdun (European Greenfinch, Chloris Chloris), 1 Sponsun (Common Chaffinch, Fringilla Coelebs), 2 Gojjini (Common Linnets, Linaria Cannabina) u 2 Ekri (Eurasian Siskins, Spinus Spinis), u meta dawn l-għasafar ma kinux ġew meħuda jew akkwistati legalment fi Stat Membru, jew imbrobbija fil-magħluq u mlibbsa ċurkett magħluq kif mitlub mill-liġi u dan bi ksur ta' Reg 4(1)(e) (iii) u (iv) ta' L.S. 549.42.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Rat ir-rapport ta' Dr. Natalino Fenech li ġie preżentat waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju 2024;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat**

L-imputat qiegħed jiġi akkużat li kien fil-pussess ta' pitiross, verdun, sponsun, żewġ ġojjini u żewġ ekri bi ksur tar-regolament 4(1)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42. L-imputat ma ċaħadx li dawn l-għasafar kienu fil-pussess tiegħu jew li ma kellhomx ċrieket. Id-difiża tiegħu fir-rigward tal-pitiross hija li dan ma kienx qiegħed jiġi mrobbi minnu iża sempliċiment daħal waħdu fil-guva, filwaqt li fir-rigward tal-bqija tal-għasafar imsemmija jgħid illi qabel l-2016 dawn l-għasafar ma kinux protetti u għalhekk la l-prosekuzzjoni ma resqitx prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni dwar l-eta` tagħhom ma tistax tinstab ħtija.

Il-Qorti ma taqbilx mad-difiża li kienet il-prosekuzzjoni li kellha tressaq prova dwar l-eta tal-għasafar. Huwa minnu li l-imputat huwa preżunt innoċenti sakemm jinstab ħati jew jammetti, u li l-oneru tal-prova jinkombi fuq il-prosekuzzjoni. Pero, dak li teħtieġ li tipprova l-prosekuzzjoni huma l-elementi li jsawru r-reat u li kien l-imputat li kkometta dak ir-reat fil-lok u d-data indikati fl-akkuża. Minn naħa tiegħu l-imputat m'huwa meħtieġ li jressaq l-ebda prova. Biss pero, jekk l-imputat jagħżel jagħmel xi allegazzjoni in difesa, irid ikun hu li jressaq prova sodisfaċenti tagħha, għalkemm dan mhux sal-grad rikjest mill-prosekuzzjoni, u ċioe lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, imma sa grad ferm anqas peress li jibqa` japplika l-prinċipju li dubbju raġonevoli iwassal għall-liberatorja tal-imputat. F'dan il-każ għalhekk, jekk l-imputat għażel li jressaq difiża li dawn l-għasafar kien ilhom għandu minn qabel inbidlet il-liġi, kien jispetta fuqu l-oneru li jressaq prova ta' dan.

Id-difiża tilmenta li l-prosekuzzjoni għaġlet meta qabdet u ħarbet l-għasafar qabel id-determinazzjoni ta' din il-kawża għaliex b'hekk ġiet mċaħħda mill-possibilita li teżaminahom. Dan l-argument huwa pjuttost tenwu pero ikkonsidrat li dawn l-għasafar kienu fil-pussess tal-imputat sakemm ittieħdu mill-WBRU. Lanqas l-argument tad-difiża dwar il-fatt li l-espert ma kienx fil-possibilita li jiddetermina b'ċertezza l-eta` tal-għasafar minħabba li l-eżami seta` jsir biss fuq ritratti m'għandu mis-sewwa. Ladarba l-prova f'dan ir-

rigward kienet tispetta lid-difiża mhuwiex meħtieġ li jirriżulta lil hinn minn kull dubbju raġonevoli dak li qed tallega d-difiża, u ċioe li dawn l-għasafar kienu ilhom fil-pussess tal-imputat qabel ma nbidlet il-liġi fl-2016, peress li kif ingħad qabel, f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn ikun hemm xi oneru ta' prova fuq l-imputat il-grad ta' prova ikun ferm aktar baxx minn dak li jinkombi fuq il-prosekuzzjoni.

Il-Qorti rat li mir-rapport u x-xhieda tal-espert Dr. Natalino Fenech dak li jirriżulta huwa li l-għasafar li nstabu fil-pussess tal-imputat fl-2023, ħlief għal-ekru raġel, kellhom iktar minn sena jew sentejn skont il-każ, filwaqt li l-ekru raġel kellu madwar sena jew ftit inqas. Dan ifisser li l-ekru raġel żgur li ma kienx ilu fil-pussess tal-imputat qabel il-bidla fil-liġi li seħħet fl-2016. Fir-rigward tal-għasafar l-oħra (ħlief għall-pitiross, li ser jiġi trattat aktar tard), il-Qorti tqis li r-rapport ta' Dr. Natalino Fenech mhuwiex biżżejjed biex iqajjem dubju raġonevoli jekk l-għasafar kinux ilhom fil-pussess tal-imputat sa minn qabel l-2016, ikkonsidrat li hemm diskrepanza ta' mill-inqas seba` snin bejn dik is-sena u l-2023 meta instabu fil-pussess tal-imputat.

Fi kwalunke każ, il-Qorti rat li r-regolament 4(1)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 jipprovdi hekk:

> "Kull speċi ta' għasfur li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali hija protetta. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 5, 8 u 9, ebda persuna m'għandha:
>
> […]
>
> (e) tkun fil-pussess jew ikollha fil-kontroll tagħha jew iżżomm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-Iskeda II u/jew ta' xi għasfur li mhux tat-territorju Ewropew, **<u>sakemm ma jġibx prova</u>** li dak l-għasfur:
>
> (i) ikun ġie ddikkjarat mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha, sal-31 ta' Mejju 2003 u dik il-persuna qiegħda fil-pussess tal-permessi jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha jew mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għaż-żamma ta' dak l-għasfur skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 21; jew
>
> (ii) ikun ġie importat legalment skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 6(1)(a) jew6(1)(b); jew

(iii) ikun ġie meħud fi Stat Membru fejn il-kaċċa jew it-teħid tiegħu saret skont il-liġi jew ikun ġie b'ximod ieħor akkwistat b'mod legali skont id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew utal-Kunsill dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u skont il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru; jew
(iv) ikun imrobbi fil-magħluq
[…]" [enfażi u sottolinear tal-Qorti]

Qari ta' dan l-artikolu juri li hija l-liġi stess li tisposta l-oneru fuq l-imputat li jressaq prova li l-pussess tal-għasfur in kwistjoni kien legali għax kopert minn waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fil-paragrafi (i) sa (iii). Għalhekk, ġaladarba l-prosekuzzjoni ressqet prova tal-pussess ta' dawn l-għasafar fid-data u l-lok indikati fl-akkuża u li dawn kienu għasafar protetti, fatti li del resto ġew aċċettat mid-difiża, kien jinkombi fuq id-difiża l-oneru li tressaq prova li l-pussess tagħhom kien legali.

Dan ir-raġunament japplika wkoll fir-rigward tal-pitiross. Ladarba l-prosekuzzjoni ressqet prova li dan il-pitiross kien jinsab fil-guva kien jinkombi fuq l-imputat l-oneru li jressaq prova dwar il-legalita tal-pussess.L-argument li hemm nieqsa l-mens rea għaliex m'hemmx prova li l-imputat kien jaf li kien hemm dan il-pitiross fil-guva huwa mxejjen mill-fatt li l-imputat kien qal lil pulizija a tempo vergine li dan il-pitiross kien daħal fil-guva, u li kien impossibli għalih li joqgħod jiġri warajh biex jaqbdu ħalli joħorġu. Għalhekk hemm ammissjoni magħmula liberament mill-imputat, wara li ġie nfurmat bid-drittijiet tiegħu, illi kien jaf li dan il-pitiross kien jinstab fil-guva. Anke li kieku kellu jiġi aċċettat li dan il-pitiross kien daħal waħdu ġol-guva, xorta jibqa l-fatt li minkejja li l-imputat kien jaf li ma setax iżommu, huwa m'għamel xejn biex iħarbu, imqar jekk bl-għajnuna ta' terzi jew tal-awtoritajiet kompetenti.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-imputat għandu jistab ħati tal-imputazzjoni dedotti kontra tiegħu, fir-rigward tal-għasafar kollha indikati fl-imputazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 4(1)(e) u 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, il-Qorti issib lill-imputat ħati tal-akkuża dedotta kontra tiegħu, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tmien mitt ewro (€800), li tista' titħallas permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' €35, tordna l-konfiska tal-għasafar indikati f'Dok EM5 u s-sospensjoni ta' kull

liċenza jew permess maħruġa taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal tlett snin.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur